MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tad-19 ta' April, 2005

Numru 310/2004

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni ta’ **Frankie Falzon** ta’ 26 sena, bin Alfred u Mary Grace nee’ Azzopardi, imwieled Qormi fit-30 ta’ Jannar, 1978 u li joqghod ‘Romantik’ Flt 3, Triq F.Farrugia, Zebbug, detentur ta’ karta ta’ l-identita’ bin-numru 138078(M).

Talli fis-6 ta’ Dicembru, 2003 ghall-habta tal-hdax u nofs ta’ filghodu (11.30a.m) matul il-kosta ta’ San Pawl il-Bahar, b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, kkaguna offiza ta’ natura gravi w permanenti, ai termini tal-Arikolu 218 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta, fuq il-persuna ta’ Christopher Azzopardi.

Rat il-kunsens tal-avukat generali skond l-artikolu 370 (4) tal-Kap 9 sabiex il-kaz kontra l-imputat ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja kif ukoll in-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat ghall-istess procedura;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi mismugha jirrizulta illi fis-6 ta' Dicembru, 2003 l-imputat kien qieghed ghall-kacca fuq il-bahar fil-kumpanija tal-ferut, missier il-ferut u d-driver tal-ispeedboat. Jirrizulta ukoll illi appena inzertaw hames papri, saqu ghal fuqhom u l-vittma spara zewg tiri. Meta waqaf jispara, beda jispara l-imputat u hemm sehh l-incident fejn wiehed mit-tiri ta' Falzon laqat lill-vittma f'wiccu bil-konsegwenza li tqactitlu bicca minn widnejh u rasu infethet fuq in-naha tal-widna w ammont ta' comb spicca mwahhal ma' ras il-ferut.

Ix-xhieda kollha kkonfermaw illi kienu erba fl-ispeedboat bid-driver fuq quddiem in-naha tal-lemin bil-ferut fuq ix-xellug tieghu. L-imputat kien qieghed wara d-driver u missier il-ferut kien fuq ix-xellug tal-imputat u b'hekk wara ibnu. Il-ferut jiftakar illi waqt li kienu ghall-kacca raw xi papri u saqu ghal fuqhom meta lahaq spara fuqhom darbtejn fuq ix-xellug tieghu Hin minnhom giet mewga u jiftakar li "ha xi senter minn wara" (vide deposizzjoni ta' Christopher Azzopardi fol 130).

John Azzopardi, missier il-ferut, spjega illi l-incident sehh hekk kif l-imputat kien qed jimmira fuq il-papri, li kienu fuq il-lemin tieghu izda giet mewga fil-hin ezatt tal-isparatura u dawritu ghal fuq in-naha l-ohra. Christopher Azzopardi, l-ferut ighid ukoll illi meta hu stess kien qed jispara jiftakar li kienet giet mewga u s-senter kwazi harablu (fol 129), u li l-imputat kien qed jimmira bis-senter 'il quddiem (fol 130)

Il-Qorti staqsiet lix-xhieda jekk kienux ftehmu dwar xi sekwenza li ghandhom jisparaw biha u fuq liema naha

tad-dghajsa ghandu jispara kull wiehed minnhom. Lkoll wiegbu fl-affermattiv izda l-konsegwenzi juru mod iehor. L-imputat stess jghid illi meta lemhu l-papri dawn kienu fuq ix-xellug gejjin ghal wicchom meta allura refa s-senter u l-imputat meta wasal biex jispara is-senter dan kien qieghed fid-direzzjoni tal-ferut igifieri fuq ix-xellug tieghu. Bl-effett tal-mewga d-dghajsa nizlet ‘l quddiem u b’konsegwenza ta’ hekk is-senter ukoll nizel ‘l isfel u meta spara laqat lill-ferut.

Mill-provi prodotti jirrizulta illi skond Christopher Azzopardi gia kien hemm indikazzjoni cara tal-kundizzjoni tal-bahar meta skond hu giet mewga u kwazi harablu s-senter. Minkejja din il-kundizzjoni, kollha ghazlu illi jibqghu ghaddejjin bl-ezercizzju. Ghalhekk l-imputat gie fil-posizzjoni li l-awturi f’dan il-qasam jiddeskrivu bhala konsapevoli tal-probabbli konsegenzi izda injora l-istess probabilita’ u possibilita. Inoltre l-imputat stess ikkonferma illi huwa kien gia lest biex jispara meta giet il-mewga u jekk verament ftehmu l-mod kif u min ghandu jispara, din il-Qorti tistaqsi ghalfejn kien qed jimmira ‘l quddiem meta kienu ftehmu li kull hadd jispara fuq ix-xellug jew lemin rispettiv. Quddiem l-imputat kien hemm il-ferut u dan qatt ma messu pogga ruhu fis-sitwazzjoni li s-senter jista’ jiehu meta hemm xi hadd quddiemu, kif fil-fatt gara.

Jirrizulta wkoll ghalhekk illi l-imputat naqas f’zewg punti kardinali u cioe’ l-ewwel meta kien ha l-mira ghal quddiemu meta l-ftehim kien li fil-kaz tieghu jispara fuq il-lemin tieghu w t-tieni meta huwa `ghazel li jibqa jikkaccja minkejja l-kundizzjoni tal-bahar li gia kien uriehom jekk inhu minnu, li l-mewg kien qieghed jirrendi difficli l-kontroll tal-armi

Jirrizulta ghalhekk illi l-ferut garrab feriti ta’ natura gravi per durata;

Ghal dawn il-motivi ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kif migjuba kontra tieghu;

Rat l-artikoli 328 u 218 tal-kap 9;

Rat il-fedina penali tal-imputat;

Tikkundannah ghal-hlas ta’ multa ta’ Lm600 u tiskwalifikah milli jkollu jew jottjeni kwalunkwe licenzja biex izomm, igorr jew juza armi ghal-perjodu ta’ sena mil-lum ai termini tal-artikolu 23 tal-Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------